KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fil-25 ta' April 2024[1]

**Kawża C-741/22**

**Casino de Spa *et***
**vs**
**État belge (SPF Finances),**
**fil-preżenza ta':**
**État belge (SPF Justice),**
**La Chambre des Représentants**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de première instance de Liège (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Liège, il-Belġju))

"Rinviju għal domanda preliminari – Leġiżlazzjoni fiskali – Taxxa fuq il-valur miżjud – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 135(1)(i) – Eżenzjoni tal-logħob tal-ażżard jew tal-flus – Effett dirett tad-dispożizzjoni ta' eżenzjoni mit-taxxa – Distinzjoni bejn il-logħob tal-ażżard online u dak tradizzjonali – Distinzjoni bejn it-tipi differenti ta' logħob tal-ażżard online (lotteriji u logħob tal-ażżard ieħor online) – Inammissibbiltà tad-domandi preliminari – Żamma fis-seħħ *ratione temporis* tad-dritt nazzjonali mingħajr talba preċedenti għal deċiżjoni preliminari – Eżenzjoni mill-VAT bħala għajnuna mill-Istat"

## I. Introduzzjoni

"Fil-logħob, biex wieħed ikun jista' jirbaħ ftit, wieħed irid jitlef ħafna" (George Bernard Shaw, kittieb tad-drammi u politiku Irlandiż u Ingliż, 1856 sa 1950).

1. Għalkemm dawn ir-riskji u oħrajn marbuta mal-logħob tal-ażżard huma ġeneralment magħrufa, fl-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-VAT")[2] minn dejjem kienet tinsab eżenzjoni mit-taxxa għall-imħatri, għal-lotteriji u għal logħob tal-ażżard jew tal-flus ieħor. Mal-ewwel daqqa ta' għajn, l-Unjoni Ewropea tidher li tixtieq tippromwovi l-logħob tal-ażżard mill-perspettiva tal-VAT. Madankollu, din l-eżenzjoni hija suġġetta "għall-kondizzjonijiet u għal-limitazzjonijiet mfasslin minn kull Stat Membru".

[1] Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

[2] Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2006 (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60), fil-verżjoni tagħha applikabbli għas-snin inkwistjoni (mill-2016 sal-2018).

2. Mill-1 ta’ Lulju 2016, il-Belġju għażel li ma jeżentax iktar mill-VAT il-logħob tal-ażżard jew tal-flus online li ma huwiex lotteriji. Għall-kuntrarju, logħob tal-ażżard ieħor (inklużi l-lotteriji) jibqa’ eżentat mill-VAT. F’din il-kawża u fil-kawża simili Chaudfontaine Loisirs SA *et* (C-73/23)[3], l-operaturi tal-logħob tal-ażżard online fil-Belġju jqisu li din l-eżenzjoni selettiva tmur kontra l-prinċipju ta’ newtralità. Huma jqisu wkoll li l-eżenzjoni li jibbenefikaw minnha l-operaturi tal-logħob tal-ażżard l-ieħor tikkostitwixxi għajnuna illegali. Għaldaqstant, hawnhekk, eżenzjoni mill-VAT għal-logħob tal-ażżard online għandha tinstilet direttament mid-dritt tal-Unjoni. Dan ikun il-każ biss jekk id-Direttiva dwar il-VAT hija direttament applikabbli f’dan ir-rigward, jiġifieri jekk din l-eżenzjoni diġà tirriżulta minnha.

3. Anki jekk, fil-passat, il-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat diversi drabi d-differenza fit-tassazzjoni bejn it-tipi differenti ta’ logħob tal-ażżard taħt id-dritt dwar il-VAT[4], il-ġurisprudenza reċenti twassal għal riflessjoni iktar fil-fond dwar l-applikabbiltà diretta tal-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT f’każ bħal dan (eżenzjoni selettiva ta’ ċerti tipi ta’ logħob tal-ażżard). Fl-istess ħin, il-Qorti tal-Ġustizzja tista’ tippreċiża jekk u sa fejn il-prinċipju ta’ newtralità jew id-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat jipprekludi eżenzjoni selettiva mill-VAT ta’ ċerti tipi ta’ logħob tal-ażżard.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

4. Artikolu 107(1) tat-Trattat FUE jipprojbixxi l-għajnuna mill-Istat:

“Ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta’ kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta’ riżorsi ta’ l-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta’ distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.”

5. L-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT jirregola l-eżenzjoni tal-logħob tal-ażżard u huwa fformulat kif ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

(i) imħatri, lotteriji u forom oħrajn ta’ logħob ta’ l-azzard, soġġetti għall-kondizzjonijiet u għal-limitazzjonijet mfasslin minn kull Stat Membru”.

[3] Ara, dwar dan il-punt, il-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fl-istess jum.

[4] Ara, fost oħrajn, is-sentenzi tal-24 ta’ Ottubru 2013, Metropol Spielstätten (C-440/12, EU:C:2013:687); tal-14 ta’ Lulju 2011, Henfling, Davin, Tanghe (C-464/10, EU:C:2011:489); tal-10 ta’ Novembru 2011, Rank Group (C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719); tal-10 ta’ Ġunju 2010, Leo-Libera (C-58/09, EU:C:2010:333); tat-13 ta’ Lulju 2006, United Utilities (C-89/05, EU:C:2006:469); tas-17 ta’ Frar 2005, Linneweber u Akritidis (C-453/02 u C-462/02, EU:C:2005:92); u tal-11 ta’ Ġunju 1998, Fischer (C-283/95, EU:C:1998:276).

### *B. Id-dritt Belġjan*

6. L-Artikolu 8 tal-Loi spéciale sur la Cour constitutionnelle du 6 janvier 1989 (il-Liġi Speċjali dwar il-Qorti Kostituzzjonali tas-6 ta' Jannar 1989, iktar 'il quddiem il-"Liġi Speċjali") jipprovdi:

"Jekk ir-rikors ikun fondat, il-Cour constitutionnelle [(il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju)] għandha tiddikjara nulla, totalment jew parzjalment, il-liġi, id-digriet jew ir-regola msemmija fl-Artikolu 134 tal-Kostituzzjoni li jkunu s-suġġett tar-rikors. […]

Jekk tqis li jkun meħtieġ, il-Cour constitutionnelle [(il-Qorti Kostituzzjonali)] għandha tindika, permezz ta' ordni ġenerali, l-effetti tad-dispożizzjonijiet annullati li għandhom jitqiesu bħala definittivi jew li għandhom jinżammu fis-seħħ provviżorjament għat-terminu li hija tistabbilixxi."

7. L-Artikolu 9 tal-Liġi Speċjali jipprovdi:

"1. Id-deċiżjonijiet ta' annullament mogħtija mill-Cour constitutionnelle [(il-Qorti Kostituzzjonali)] għandhom is-saħħa ta' *res judicata* assoluta b'effett mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Moniteur belge.*

2. Id-deċiżjonijiet ta' ċaħda tar-rikorsi għal annullament mogħtija mill-Cour constitutionnelle [(il-Qorti Kostituzzjonali)] jorbtu lill-qrati fir-rigward tal-punti ta' liġi deċiżi minn dawn id-deċiżjonijiet."

8. Il-punt 13 tal-Artikolu 44(3) tal-Code de la TVA (il-Kodiċi tal-VAT), fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2016 sal-21 ta' Mejju 2018, huwa fformulat kif ġej:

"Dawn li ġejjin huma eżentati wkoll: […]

13.

(a) lotteriji,

(b) logħob ieħor tal-ażżard jew tal-flus, bl-eċċezzjoni ta' logħob tal-ażżard jew tal-flus li, kif imsemmi fil-punt 16 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1), ikun disponibbli b'mezzi elettroniċi, […]"

## III. Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

9. 27 kumpannija rregolata mid-dritt Belġjan, fosthom Casino de Spa SA, li flimkien jikkostitwixxu l-"unità tal-VAT" GAMING ARDENT (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") u li, għalhekk, huma kkunsidrati bħala persuna taxxabbli waħda għall-finijiet tal-VAT, joperaw logħob tal-ażżard online.

10. Oriġinarjament, fil-Belġju, it-tranżazzjonijiet relatati mal-logħob tal-ażżard online kienu eżentati mill-VAT. Din l-eżenzjoni tneħħiet mill-Artikoli 29 sa 34 tal-Liġi tal-1 ta' Lulju 2016. B'hekk, dawn it-tranżazzjonijiet saru taxxabbli, filwaqt li l-logħob tal-ażżard "klassiku" kif ukoll il-lotteriji kollha (kemm dawk online kif ukoll dawk "tradizzjonali") baqgħu eżentati mit-taxxa.

11. Madankollu, permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2018, il-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali) annullat id-dispożizzjonijiet ikkonċernati tal-Liġi tal-1 ta' Lulju 2016, minħabba li kienu jiksru r-regoli dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istat Federali Belġjan u r-Reġjuni (Artikolu 177 tal-Kostituzzjoni Belġjana). Madankollu, hija kkonstatat li t-taxxi diġà mħallsa għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2016 sal-21 ta' Mejju 2018 kellhom xorta waħda jinżammu minħabba d-diffikultajiet baġitarji u amministrattivi li kieku kienu jirriżultaw mir-rimbors tagħhom.

12. Ir-rikorrenti talbet ir-rimbors ta' ammont ta' EUR 15 581 402.06 li hija kienet ħallset bħala VAT fuq il-logħob online li sar bejn l-1 ta' Lulju 2016 u l-21 ta' Mejju 2018, wara t-tnaqqis tal-VAT tal-input korrispondenti.

13. F'memorandum tal-5 ta' Diċembru 2019, l-amministrazzjoni ċaħdet din it-talba għar-raġuni li l-kundizzjonijiet biex jinkiseb ir-rimbors ma kinux issodisfatti. Ir-rikorrenti għalhekk ippreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju.

14. Ir-rikorrenti tqis li ż-żamma tal-liġi annullata tmur kontra l-prinċipju ta' newtralità tal-VAT, peress li logħob ieħor tal-ażżard jew tal-flus huwa eżentat, kif ukoll kontra dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, fosthom il-projbizzjoni tal-għajnuna mill-Istat. Sussidjarjament, hija tinvoka r-responsabbiltà tal-Istat Belġjan minħabba żball imwettaq mill-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali), sa fejn iż-żamma fis-seħħ temporanja tal-effetti tad-dispożizzjonijiet annullati tmur kontra l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, li jiggarantixxi d-dritt għall-proprjetà. Min-naħa l-oħra, l-Istat Belġjan konvenut iqis li t-talba ma hijiex fondata u li ma jistax jiġi kkundannat għar-rimbors tal-VAT.

15. Fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 267 TFUE, it-Tribunal de première instance de Liège (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Liège, il-Belġju), kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikors, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-sitt domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 135(1)(i) tad-[Direttiva dwar il-VAT] u l-prinċipju ta' newtralità għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li Stat Membru jittratta b'mod differenti, jekk wieħed jassumi li huma provvisti ta' servizzi simili, il-lotteriji online offruti mil-Loterie National (il-lotterija nazzjonali Belġjana), stabbiliment pubbliku, li huma eżenti mit-taxxa fuq il-valur miżjud u l-logħob tal-ażżard ieħor online offrut minn operaturi privati li huma suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud?

2) Fil-kuntest tad-domanda preċedenti, sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex kwistjoni ta' żewġ kategoriji simili li huma f'kompetizzjoni ma' xulxin u li għandu jkollhom l-istess trattament fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur miżjud jew jekk hijiex kwistjoni ta' kategoriji distinti li jawtorizzaw trattament differenti, il-qorti nazzjonali għandha tikkunsidra biss il-fatt li ż-żewġ forom ta' logħob tal-azzard huma jew ma humiex f'kompetizzjoni bejniethom mill-perspettiva tal-konsumatur medju, fis-sens li provvisti ta' servizzi huma simili meta jkollhom proprjetajiet analogi u jissodisfaw l-istess ħtiġijiet tal-konsumatur, abbażi ta' kriterju ta' komparabbiltà fl-użu, u meta d-differenzi eżistenti ma jinfluwenzawx b'mod sinjifikattiv id-deċiżjoni tal-konsumatur medju li jagħmel użu minn provvista waħda jew oħra ta' servizzi (kriterju ta' sostituzzjoni) jew għandhom jitqiesu kriterji oħra bħall-eżistenza ta' setgħa diskrezzjonali min-naħa tal-Istat Membru li jeżenta ċerti kategoriji ta' logħob u li jissuġġetta oħrajn għall-VAT, il-fatt li l-lotteriji jappartjenu għal kategorija distinta ta' logħob intiż

mill-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva [dwar il-]VAT, il-kuntesti legali differenti li japplikaw għal-Loterie Nationale u għal-logħob tal-ażżard ieħor, l-awtoritajiet ta' kontroll differenti jew l-għanijiet ta' protezzjoni tas-soċjetà u tal-lagħaba mfittixija mil-leġiżlazzjoni applikabbli għal-Loterie Nationale?

3) Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat UE, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 267 [TFUE], id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [dwar il-VAT] u, jekk ikun il-każ, il-prinċipju tal-effettività, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Stat Membru li żżomm, fuq inizjattiva tagħha stess u mingħajr rinviju għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, fuq il-bażi ta' dispożizzjoni tad-dritt intern, f'dan il-każ l-Artikolu 8 tal-[Liġi Speċjali], l-effett għall-imgħoddi ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud, iġġudikati li jmorru kontra l-Kostituzzjoni nazzjonali u annullati għal din ir-raġuni u li n-nuqqas ta' konformità tagħhom mad-dritt tal-Unjoni ġie invokat ukoll insostenn tar-rikors għal annullament quddiem il-qorti nazzjonali, madankollu mingħajr ma dan l-ilment ikun ġie eżaminat minn din tal-aħħar, fuq il-bażi ġeneralment tad-'diffikultajiet baġitarji u amministrattivi li jirriżultaw mir-rifużjoni ta' taxxi diġà mħallsa', u b'hekk iċaħħdu kompletament lill-persuni taxxabbli suġġetti għall-VAT mid-dritt għar-rimborż tal-VAT miġbura bi ksur tal-liġi tal-Unjoni?

4) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti hija negattiva, l-istess dispożizzjonijiet u prinċipji interpretati, b'mod partikolari, fid-dawl tas-sentenza tal-10 ta' April 2008, Marks & Spencer, C-309/06, li biha l-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, inkluż dak tan-newtralità fiskali, jagħtu lill-operatur ekonomiku li jkun wettaq kunsinni jew servizzi dritt li jirkupra s-somom li jkunu ntalbu mingħandu bi żball minħabba dawn l-istess kunsinni jew servizzi (sentenza tal-10 ta' April 2008, Marks & Spencer, C-309/06), jimponu fuq l-Istat Membru kkonċernat li jħallas lura lill-persuni taxxabbli l-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni meta din tirriżulta, bħal f'dan il-każ, ulterjorment minn sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tafferma, b'risposta għad-domandi għal deċiżjoni preliminari, minn naħa, in-nuqqas ta' konformità mad-Direttiva [dwar il-VAT] mad-dispożizzjonijiet nazzjonali mħassra u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li żżomm l-effett għall-imgħoddi tad-dispożizzjonijiet li hija tordna li jiġu annullati?

5) It-trattament separat stabbilit bl-Artikoli 29, 30, 31, 32, 33 u 34 tal-loi-programme du 1er juillet 2016 (il-Liġi Programm tal-1 ta' Lulju 2016), li ġew annullati bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Nru 34/2018 tat-22 ta' Marzu 2018, iżda li l-effetti tiegħu inżammu wara din id-data għat-taxxi diġà mħallsa għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2016 sal-21 ta' Mejju 201[8], bejn il-lotteriji, kemm jekk fuq l-art jew online, u logħob ieħor online u mħatri joħloq vantaġġ selettiv favorevoli għall-operaturi ta' dawn il-lotteriji u għalhekk għajnuna mogħtija mill-Istat Belġjan jew permezz tar-riżorsi tal-Istat Belġjan li toħloq jew thedded li toħloq distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti impriżi, inkompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE?

6) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti hija affermattiva, l-obbligu impost fuq l-Istati Membri li jħarsu d-drittijiet tal-individwi affettwati mill-implimentazzjoni illegali tal-għajnuna inkwistjoni, li jirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, Transalpine Ölleitung in Österreich, C-368/04, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u l-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, inkluż dak tan-newtralità fiskali, li jagħtu lill-operatur ekonomiku li jkun għamel kunsinni jew provvisti ta' servizzi dritt li jirkupra s-somom li ntalbu mingħandu bi żball għal dawn l-istess provvisti jew servizzi (sentenza tal-

10 ta’ April 2008, Marks & Spencer, C-309/06), jippermettu lill-persuni taxxabbli li jkunu ffatturaw il-VAT fuq il-bażi tal-għajnuna mill-Istat illegali li jirkupraw l-ekwivalenti tat-taxxa mħallsa fil-forma ta’ danni sabiex jikkumpensaw għad-dannu subit?”

16. Fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rikorrenti, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka u l-Kummissjoni Ewropea ssottomettew osservazzjonijiet bil-miktub. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrinunzjat, skont l-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura, għaż-żamma ta’ seduta għas-sottomissjonijiet orali.

## IV. Analiżi ġuridika

17. Is-sitt domandi preliminari jikkonċernaw essenzjalment tliet sitwazzjonijiet.

18. Peress li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali tikkontesta li l-provvista ta’ servizzi tagħha hija suġġetta għall-VAT skont id-dritt nazzjonali, l-ewwel u t-tieni domanda jirrigwardaw il-kwistjoni dwar jekk il-provvisti ta’ servizzi tar-rikorrenti humiex eżentati mill-VAT skont l-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT u jekk, konsegwentement, it-taxxa mħallsa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni għandhiex tiġi rrimborsata lir-rikorrenti minkejja ż-żamma fis-seħħ tad-dritt nazzjonali. Dan jippreżumi li mid-Direttiva dwar il-VAT tirriżulta direttament eżenzjoni għal-logħob tal-ażżard online li r-rikorrenti tista’ tinvoka (ara taħt il-parti B).

19. It-tielet u r-raba’ domanda jirrigwardaw, mill-banda l-oħra, il-kwistjoni dwar jekk il-qorti kostituzzjonali Belġjana setgħetx tordna ż-żamma fis-seħħ tad-dritt nazzjonali, li minnha tnisslet it-taxxa skont id-dritt nazzjonali, mingħajr talba preċedenti għal deċiżjoni preliminari minħabba inkompatibbiltà possibbli mad-dritt tal-Unjoni, u jekk dan jipprekludix dritt għar-rimbors tat-taxxa eventwalment imħallsa b’mod possibbilment inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Dan diġà jqajjem il-kwistjoni tal-ammissibbiltà ta’ dawn iż-żewġ domandi preliminari (ara taħt il-parti A).

20. Il-ħames u s-sitt domanda mbagħad jirrigwardaw il-kwistjoni dwar jekk differenza fit-tassazzjoni tal-VAT tal-lotteriji (eżentati) u ta’ logħob u mħatri online oħra (suġġetti għat-taxxa) tikkostitwixxix ukoll għajnuna mill-Istat ipprojbita (ara taħt il-parti C).

### *A. Fuq l-ammissibbiltà tat-tielet u tar-raba’ domanda preliminari*

21. It-tielet u r-raba’ domanda huma ammissibbli fil-kuntest ta’ proċedura għal deċiżjoni preliminari biss jekk ir-risposti għalihom ikunu neċessarji u rilevanti sabiex tingħata d-deċiżjoni fil-kawża prinċipali.

22. Bħala prinċipju, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq il-kawża, li għandha tevalwa kemm il-ħtieġa ta’ deċiżjoni preliminari sabiex tkun f’pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Id-domandi dwar l-interpretazzjoni ta’ dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jgawdu minn preżunzjoni ta’ rilevanza[5]. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tista’ tirrifjuta li tagħti deċiżjoni biss jekk ikun jidher b’mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà

[5] Ara s-sentenzi tas-6 ta’ Ottubru 2021, Sumal (C-882/19, EU:C:2021:800, punti 27 u 28), u tad-9 ta’ Lulju 2020, Santen (C-673/18, EU:C:2020:531, punti 26 u 27 kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata).

jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha[6].

23. Anki jekk tiġi applikata l-preżunzjoni msemmija iktar 'il fuq, it-tielet u r-raba' domanda huma inammissibbli hawnhekk. Il-kawża prinċipali tirrigwarda r-rimbors ta' taxxa li jista' jkun tħallset bi ksur tad-dritt tal-Unjoni (b'mod iktar preċiż, bi ksur ta' direttiva). Minkejja li kellha titħassar għal raġunijiet tad-dritt nazzjonali, il-liġi nazzjonali nżammet fis-seħħ għal ċertu perijodu għall-istess raġunijiet, jiġifieri raġunijiet tad-dritt nazzjonali, mill-qorti nazzjonali kompetenti għal dan l-għan (ordni ta' żamma fis-seħħ tal-effetti *ratione temporis*).

24. B'dan il-mod, id-dritt nazzjonali jeżiġi tassazzjoni li tista' tmur kontra d-Direttiva dwar il-VAT. Għalhekk, il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti tibqax obbligata tħallas il-VAT diġà mħallsa għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2016 sal-21 ta' Mejju 2018 tiddependi biss mill-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar il-VAT (u għalhekk mir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda). B'hekk, il-kontenut residwu tat-tielet u tar-raba' domanda huwa limitat għall-kwistjoni dwar jekk il-qorti kostituzzjonali Belġjana setgħetx, jew saħansitra kellhiex, tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja qabel ordnat iż-żamma fis-seħħ tat-taxxa nazzjonali u jekk, fil-każ li jiġi kkonfermat dan l-obbligu, jirriżultax dritt għar-rimbors. Madankollu, l-obbligu potenzjali ta' rinviju tal-qorti kostituzzjonali ma huwiex rilevanti għall-kwistjoni dwar jekk jeżistix jew le l-obbligu ta' ħlas tar-rikorrenti.

25. Barra minn hekk, ma narax kif il-ksur tal-Artikolu 267 TFUE minn qorti *waħd*a, jiġifieri mill-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali), jista' jkollu effett fuq id-deċiżjoni ta' qorti *oħra*, li għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari tad-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, in-nuqqas ta' sodisfazzjon fir-rigward tal-aġir tar-rinviju tal-qorti kostituzzjonali Belġjana u l-interpretazzjoni tal-Artikolu 267 TFUE hekk mitluba ma għandhom ebda rabta mat-tilwima fil-kawża prinċipali. Minn dan isegwi li t-tielet u r-raba' domanda huma inammissibbli.

26. Fl-aħħar nett, għandu jingħad ukoll li l-qorti tar-rinviju ma tindikax lill-Qorti tal-Ġustizzja dak li l-qorti kostituzzjonali Belġjana għandha u tista' realment tivverifika. Fil-każ fejn il-kompetenza tagħha ta' stħarriġ *nazzjonali* tkun limitata, pereżempju, għall-osservanza tar-regoli nazzjonali ta' ġurisdizzjoni, ikun diffiċli li tiġi prevista talba għal deċiżjoni preliminari. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma għandha l-elementi neċessarji sabiex teżamina l-ksur tal-Artikolu 267 TFUE. Huwa wkoll għal din ir-raġuni li t-tielet u r-raba' domanda huma inammissibbli.

### *B. Fuq l-eżenzjoni mit-taxxa tal-logħob tal-ażżard online skont id-Direttiva dwar il-VAT (l-ewwel u t-tieni domanda)*

27. Fil-kawża prinċipali, ir-rikorrenti tikkontesta t-tassazzjoni tas-servizzi tagħha tal-logħob tal-ażżard online skont id-dritt nazzjonali (miżmum fis-seħħ). Dan jidher b'mod ċar u ma jistax jiġi interpretat b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT hija rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima biss jekk dan l-artikolu huwa direttament applikabbli (ara taħt l-ewwel punt). Essenzjalment,

6 Sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2021, Sumal (C-882/19, EU:C:2021:800, punt 28), u tad-9 ta' Lulju 2020, Santen (C-673/18, EU:C:2020:531, punt 27 kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata).

ir-rikorrenti tqis li s-servizzi tagħha għandhom jiġu ttrattati bħas-servizzi l-oħra tal-logħob tal-ażżard eżentati. Dan jista' jirriżulta wkoll mill-prinċipju ta' newtralità fil-qasam tal-VAT (ara taħt it-tieni punt).

*1. Applikabbiltà diretta tad-dispożizzjoni ta' eżenzjoni mit-taxxa?*

28. Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-każijiet kollha li fihom id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi, l-individwi jistgħu jinvokawhom kontra Stat Membru quddiem il-qrati tiegħu, meta dan l-Istat Membru jkun naqas milli jittrasponi d-direttiva fid-dritt nazzjonali fit-termini stabbiliti jew meta dan ikun ittrasponiha b'mod inkorrett[7].

29. Dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni tkun inkundizzjonata meta tistabbilixxi obbligu li ma jkun ikkwalifikat bl-ebda kundizzjoni u li lanqas ma jkun suġġett, fl-implimentazzjoni jew fl-effetti tiegħu, għall-intervent ta' xi att tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew tal-Istati Membri[8]. Min-naħa l-oħra, dispożizzjoni tkun kundizzjonata meta tinvolvi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-portata konkreta tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni[9]. Hija tkun preċiża biżżejjed meta tistabbilixxi obbligu f'termini inekwivoċi[10].

30. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT la huwa inkundizzjonat u lanqas ma huwa suffiċjentement preċiż. Huwa jipprovdi li l-logħob tal-ażżard jew tal-flus għandu jiġi eżentat, bla ħsara "għall-kondizzjonijiet u għal-limitazzjonijiet mfasslin minn kull Stat Membru". Minn dan ma jirriżultax liema logħob tal-ażżard għandu konkretament jiġi eżentat, b'tali mod li l-ebda obbligu ma huwa impost fuq l-Istat Membru f'termini inekwivoċi. Għall-kuntrarju, mill-formulazzjoni jirriżulta li huwa biss ċertu logħob tal-ażżard jew tal-flus li jista' jiġi eżentat.

31. Dan l-obbligu lanqas ma huwa inkundizzjonat peress li huwa diġà suġġett, skont it-termini ċari tal-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT, "għall-kondizzjonijiet u għal-limitazzjonijiet mfasslin minn kull Stat Membru". Minn dan isegwi li l-eżenzjoni tal-logħob tal-ażżard jew tal-flus teħtieġ, sabiex tiġi ssodisfatta jew sabiex tipproduċi l-effetti tagħha, azzjoni tal-Istati Membri.

32. Huwa għal din ir-raġuni li l-Qorti tal-Ġustizzja[11] ddeċidiet espressament fl-2010: "L-Artikolu 135(1)(i) tad-[Direttiva dwar il-VAT] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-użu tal-possibbiltà li għandhom l-Istati Membri sabiex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-limiti għall-eżenzjoni tal-VAT stabbiliti minn din id-dispożizzjoni jippermettilhom li jeżentaw minn din it-taxxa biss ċerti logħob tal-ażżard jew tal-flus." Sussegwentement, hija kkonfermat din l-interpretazzjoni darbtejn[12].

[7] Sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2020, Golfclub Schloss Igling (C-488/18, EU:C:2020:1013, punt 26), u tal-15 ta' Frar 2017, British Film Institute, C-592/15, EU:C:2017:117, punt 13 u l-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata).

[8] Sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2020, Golfclub Schloss Igling (C-488/18, EU:C:2020:1013, punt 26), u tas-16 ta' Lulju 2015, Larentia + Minerva u Marenave Schiffahrt (C-108/14 u C-109/14, EU:C:2015:496, punt 49 u l-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata).

[9] B'hekk, espressament, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Larentia + Minerva u Marenave Schiffahrt (C-108/14 u C-109/14, EU:C:2015:496, punt 50).

[10] Sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2020, Golfclub Schloss Igling (C-488/18, EU:C:2020:1013, punt 28), u tal-1 ta' Lulju 2010, Gassmayr, C-194/08, EU:C:2010:386, punt 45 u l-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata).

[11] Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Leo-Libera (C-58/09, EU:C:2010:333, dispożittiv).

[12] Sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013, Metropol Spielstätten (C-440/12, EU:C:2013:687, punt 29), kif ukoll is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, Rank Group (C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 53).

33. Fil-każ li, skont l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw biss *ċertu* logħob tal-ażżard jew tal-flus, dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra ta' eżenzjoni mit-taxxa jkun japplika wkoll hawnhekk. Sa fejn jipprevedu li l-Istati Membri huma obbligati jeżentaw biss *ċerti* provvisti ta' servizzi (kif inhu l-każ tal-Artikolu 132(1)(n) u (m) tad-Direttiva dwar il-VAT), dawn id-dispożizzjonijiet ma humiex direttament applikabbli [13].

34. Fil-fatt, l-espressjoni "ċerti logħob tal-ażżard" li tinsab fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [14] tindika li din id-dispożizzjoni ma tistabbilixxix obbligu għall-Istati Membri li jeżentaw mit-taxxa b'mod ġenerali l-provvisti kollha ta' servizzi li jikkostitwixxu logħob tal-ażżard jew tal-flus [15]. Interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT li tgħid li, minkejja l-kelma "ċerti", l-Istati Membri huma obbligati jeżentaw mit-taxxa l-logħob tal-ażżard jew tal-flus "kollha", tkun ta' natura tali li testendi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' din l-eżenzjoni. Din l-interpretazzjoni tkun tmur ukoll kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li l-eżenzjonijiet mit-taxxa previsti fid-Direttiva dwar il-VAT għandhom jiġu interpretati b'mod strett [16].

35. Huwa preċiżament il-fatt li l-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw anki "ċerti" [17] logħob tal-ażżard biss li jimmilita kontra l-applikabbiltà diretta tal-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT [18].

36. Min-naħa l-oħra, l-unika deċiżjoni (preċedenti) tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li d-dispożizzjoni preċedenti, jiġifieri l-Artikolu 13B(f) tas-Sitt Direttiva 77/388 kienet tipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali inkompatibbli ma' din id-dispożizzjoni [19], fil-fehma tiegħi, inqabżet mill-ġurisprudenza reċenti dwar l-effett dirett tal-eżenzjonijiet [20] u mill-għażliet fil-qasam tal-VAT [21], kif ukoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-2010 [22].

37. Dan huwa konvinċenti wkoll fuq il-mertu. Fil-fatt, l-eżenzjoni mit-taxxa tal-logħob tal-ażżard u tal-flus prevista fl-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT ma timplikax evalwazzjoni partikolari fid-dritt tal-Unjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din l-eżenzjoni mit-taxxa hija

13 Sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2020, Golfclub Schloss Igling (C-488/18, EU:C:2020:1013), u tal-15 ta' Frar 2017, British Film Institute, (C-592/15, EU:C:2017:117).

14 Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Leo-Libera (C-58/09, EU:C:2010:333, dispożittiv).

15 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2020, Golfclub Schloss Igling (C-488/18, EU:C:2020:1013, punt 30)

16 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2020, Golfclub Schloss Igling (C-488/18, EU:C:2020:1013, punt 34); tal-15 ta' Frar 2017, British Film Institute, C-592/15, EU:C:2017:117, punt 17 u l-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata); u tal-21 ta' Marzu 2013, PFC Clinic (C-91/12, EU:C:2013:198, punt 23).

17 Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Leo-Libera (C-58/09, EU:C:2010:333, dispożittiv).

18 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2020, Golfclub Schloss Igling (C-488/18, EU:C:2020:1013, punt 36), u tal-15 ta' Frar 2017, British Film Institute (C-592/15, EU:C:2017:117, punti 14, 16, 23, u 24).

19 Sentenza tas-17 ta' Frar 2005, Linneweber u Akritidis (C-453/02 u C-462/02, EU:C:2005:92, dispożittiv 2). Fl-istess linja, għalkemm mhux fid-dispożittiv, ara s-sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, Rank Group (C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punti 68 u 69), li iżda kienet tirrigwarda inqas l-invokazzjoni mill-persuni taxxabbli ta' regola ta' direttiva, u iktar in-nuqqas ta' invokazzjoni mill-Istat Membru tad-dritt nazzjonali differenti tiegħu. Madankollu, huwa pjuttost dubjuż jekk din hijiex verament kwistjoni ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u jekk hijiex koperta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-effett dirett (eċċezzjonali) tad-direttivi favur l-individwi.

20 Sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2020, Golfclub Schloss Igling (C-488/18, EU:C:2020:1013, dispożittiv 1) u tal-15 ta' Frar 2017, British Film Institute (C-592/15, EU:C:2017:117, dispożittiv).

21 Fuq id-dritt tal-Istati Membri, previst fl-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-VAT, li jikkunsidraw diversi persuni taxxabbli bħala persuna taxxabbli waħda, ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Larentia + Minerva u Marenave Schiffahrt (C-108/14 u C-109/14, EU:C:2015:496, dispożittiv 3).

22 Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Leo-Libera (C-58/09, EU:C:2010:333, dispożittiv), ikkonfermata mis-sentenzi tal-24 ta' Ottubru 2013, Metropol Spielstätten (C-440/12, EU:C:2013:687, punt 29), u tal-10 ta' Novembru 2011, Rank Group (C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 53).

motivata biss minn kunsiderazzjonijiet prattiċi, peress li t-tranżazzjonijiet tal-logħob tal-ażżard ma humiex adattati għall-applikazzjoni tal-VAT. Kuntrarjament għal ċerti provvisti ta' servizzi ta' interess ġenerali pprovduti fil-qasam soċjali, ma hemmx, f'dan il-każ, ir-rieda li jiġi żgurat trattament iktar favorevoli għal dawn l-attivitajiet fil-qasam tal-VAT [23]. Jidher iktar probabbli li din l-eżenzjoni tirrifletti kompromess bejn is-sitt Stati Membri ta' dak iż-żmien li diġà kellhom parzjalment liġijiet speċjali dwar il-logħob tal-ażżard u, għalhekk, kienu jintaxxaw il-logħob tal-ażżard individwalment. L-eżenzjoni skont il-kundizzjonijiet u r-restrizzjonijiet imposti mill-Istati Membri kienet tippermetti lil dawn tal-aħħar iżommu l-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-logħob tal-ażżard u li jevitaw tassazzjoni doppja mal-VAT.

38. Fi kwalunkwe każ, xejn ma jiġġustifika li tali eżenzjoni mit-taxxa għandu jkollha effett dirett biss għal raġunijiet purament tekniċi (l-ineffettività tal-ġbir, jew il-prevenzjoni tat-tassazzjoni doppja), skont il-kundizzjonijiet u r-restrizzjonijiet speċifiċi għal kull Stat Membru. Għalhekk ma hemm l-ebda bżonn għal ipoteżi partikolarment estensiva tal-effett dirett ta' din l-eżenzjoni mit-taxxa. Għalhekk jibqa' l-fatt li din l-eżenzjoni ma hijiex direttament applikabbli.

39. Madankollu, jekk ir-rikorrenti ma tistax, fi kwalunkwe każ, tinvoka direttament l-eżenzjoni mit-taxxa prevista fl-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT, lanqas ma hemm lok li tingħata risposta għall ewwel u għat tieni domanda. Għalhekk, f'dan il-każ, hija l-Kummissjoni li għandha tibda l-proċedura ta' ksur kontra l-Belġju jekk tqis li t-tassazzjoni tar-rikorrenti (u ta' operaturi oħra tal-logħob tal-ażżard online) tmur kontra d-Direttiva dwar il-VAT. Madankollu, il-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni ma tqajjimx tali tħassib.

*2. Ksur tal-prinċipju ta' newtralità?*

40. Il-prinċipju ta' newtralità fiskali lanqas ma jgħin lir-rikorrenti hawnhekk. Ċertament, Stat Membru għandu josserva wkoll il-prinċipju ta' newtralità fiskali fl-eżerċizzju tal-għażliet tiegħu jew tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu [24]. Issa, minn naħa, dan ma jistax iwassal għall-effett dirett ta' dispożizzjoni ta' direttiva li ma tkunx preċiża biżżejjed jew li ma tkunx ifformulata b'mod inkundizzjonat. Min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju jipprekludi li oġġetti jew servizzi simili, li jkunu f'kompetizzjoni ma' xulxin, jiġu ttrattati b'mod differenti mill-perspettiva tal-VAT [25].

41. L-oġġetti jew is-servizzi jkunu simili meta jkollhom karatteristiċi simili u jissodisfaw l-istess bżonnijiet tal-konsumatur, skont kriterju ta' komparabbiltà fl-użu. Barra minn hekk, id-differenzi eżistenti ma għandhomx jinfluwenzaw b'mod kunsiderevoli d-deċiżjoni tal-konsumatur medju li jirrikorri għal wieħed jew għal ieħor mill-imsemmija oġġetti jew servizzi [26] u, għaldaqstant, dawn

[23] Sentenzi tal-10 ta' Novembru 2011, Rank Group (C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punti 39); tal-14 ta' Lulju 2011, Henfling, Davin, Tanghe (C-464/10, EU:C:2011:489, punt 29); tal-10 ta' Ġunju 2010, Leo-Libera (C-58/09, EU:C:2010:333, punt 24); u tat-13 ta' Lulju 2006, United Utilities (C-89/05, EU:C:2006:469, punt 23).

[24] Sentenzi tad-9 ta' Settembru 2021, Phantasialand (C-406/20, EU:C:2021:720, punt 36); tas-27 ta' Ġunju 2019, Belgisch Syndicaat van Chiropraxie *et* (C-597/17, EU:C:2019:544, punt 46); u tad-9 ta' Marzu 2017, Oxycure Belgium (C-573/15, EU:C:2017:189, punt 28).

[25] Sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2019, Segler-Vereinigung Cuxhaven (C-715/18, EU:C:2019:1138, punt 36); tas-27 ta' Ġunju 2019, Belgisch Syndicaat van Chiropraxie *et* (C-597/17, EU:C:2019:544, punt 47); tad-9 ta' Marzu 2017, Oxycure Belgium (C-573/15, EU:C:2017:189, punt 30); tal-10 ta' Novembru 2011, Rank Group (C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 32); u tas-6 ta' Mejju 2010, Il-Kummissjoni vs Franza (C-94/09, EU:C:2010:253, punt 40).

[26] Sentenzi tat-3 ta' Frar 2022, Finanzamt A (C-515/20, EU:C:2022:73, punt 44); tad-9 ta' Settembru 2021, Phantasialand (C-406/20, EU:C:2021:720, punt 38); tas-27 ta' Ġunju 2019, Belgisch Syndicaat van Chiropraxie *et* (C-597/17, EU:C:2019:544, punt 48); tad-9 ta' Novembru 2017, AZ (C-499/16, EU:C:2017:846, punt 31); u tas-27 ta' Frar 2014, Pro Med Logistik und Pongratz (C-454/12 u C-455/12, EU:C:2014:111, punt 54).

it-tranżazzjonijiet għandhom ikunu interkambjabbli għall-konsumatur[27]. L-evalwazzjoni tax-xebh ta' prodotti jew ta' servizzi mill-perspettiva ta' konsumatur finali timplika, min-natura tagħha, ċertu setgħa ta' evalwazzjoni.

42. Fil-kuntest tal-adozzjoni ta' miżuri fiskali, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi li *l-leġiżlatur tal-Unjoni* jkollu jagħmel għażliet ta' natura politika, ekonomika u soċjali, ikollu jagħti prijorità lil interessi diverġenti jew ikollu jwettaq evalwazzjonijiet kumplessi. Konsegwentement, huwa għandu jingħata, f'dan il-kuntest, setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa, b'tali mod li l-istħarriġ ġudizzjarju għandu jkun limitat għal dak tal-iżball manifest[28]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni bl-evalwazzjoni tagħha[29].

43. Fid-dawl tal-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-istess japplika fir-rigward tal-istħarriġ tas-setgħa ta' evalwazzjoni tal-*leġiżlaturi nazzjonali*. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tkompli tenfasizza li l-Unjoni hija komposta minn Stati li josservaw u jikkondividu l-valuri li jinsabu fl-Artikolu 2 TUE[30]. Fost il-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, hemm, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' demokrazija. Skont dan il-prinċipju, huwa l-leġiżlatur elett demokratikament li huwa kompetenti sabiex jissodisfa s-setgħa ta' evalwazzjoni leġiżlattiva.

44. Konsegwentement, meta d-dritt tal-Unjoni jagħti tali setgħa ta' evalwazzjoni lil Stat Membru, huwa l-Parlament elett ta' dan l-Istat Membru li għandu kompetenza prinċipali. Minn dan isegwi li istituzzjonijiet oħra huma, *per se*, limitati fil-verifika ta' din is-setgħa ta' evalwazzjoni fid-deċiżjonijiet leġiżlattivi. Huma ma jistgħux jissostitwixxu l-fehma tagħhom tax-xebh bejn l-oġġetti, jew is-servizzi, minflok dik tal-istituzzjoni li tkun ġiet leġittimata b'mod demokratiku għal dan l-għan. Dan japplika kemm għall-qrati nazzjonali kif ukoll għall-qrati tal-Unjoni.

45. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja wkoll tista' tikkonstata ksur tal-prinċipju ta' newtralità minn leġiżlatur elett demokratikament biss jekk dan ikun manifestament eċċeda s-setgħa ta' evalwazzjoni leġiżlattiva tiegħu

46. Issa, dan ikun il-każ biss jekk, mill-perspettiva tal-konsumatur medju, id-diversi provvisti jew kunsinni intaxxati b'mod differenti jkunu kważi identiċi, b'tali mod li jkunu faċilment interkambjabbli[31], kif issostni wkoll il-Kummissjoni. Huwa biss f'dan il-każ li teżisti wkoll distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-fornituri ta' dawn is-servizzi jew kunsinni li ma tkunx għadha kompatibbli mal-prinċipju ta' newtralità.

[27] Ara wkoll, espressament, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Phantasialand (C-406/20, EU:C:2021:720, punt 39). Is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, AZ (C-499/16, EU:C:2017:846, punt 33) titkellem dwar in-natura interkambjabbli.

[28] Sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, RPO (C-390/15, EU:C:2017:174, punt 54). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2002, British American Tobacco (Investments) u Imperial Tobacco (C-491/01, EU:C:2002:741, punt 123), u tas-17 ta' Ottubru 2013, Billerud Karlsborg u Billerud Skärblacka (C-203/12, EU:C:2013:664, punt 35).

[29] Fid-dawl, b'mod partikolari, tas-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Billerud Karlsborg u Billerud Skärblacka (C-203/12, EU:C:2013:664, punt 35).

[30] Ara s-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punti 42 u 43); tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et* (C-621/18, EU:C:2018:999, punt 63); u tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 35). Fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' demokrazija fl-interpretazzjoni tad-direttivi, ara wkoll is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-518/07, EU:C:2010:125, punt 41).

[31] Sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Phantasialand (C-406/20, EU:C:2021:720, punt 39): "Fi kliem ieħor, għandu jiġi eżaminat jekk l-oġġetti jew il-provvisti ta' servizzi inkwistjoni jinsabux, mill-perspettiva tal-konsumatur medju, f'relazzjoni ta' sostituzzjoni").

47. Din hija r-raġuni għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja sa issa qagħdet lura milli tikkonstata ksur tal-prinċipju ta' newtralità meta, pereżempju, l-Istati Membri jintaxxaw b'rata mnaqqsa jew jeskludu biss l-ikel tal-għaġina frisk (mhux dawk li jaqbżu ċerta data minima ta' durabbiltà[32]), meta jintaxxaw biss il-fieri fis-swieq annwali mobbli (iżda mhux il-parks tad-divertiment fissi[33]), meta ma jintaxxaw il-prodotti mediċinali kollha (iżda biss uħud minnhom, inkluż skont l-użu tagħhom[34]), meta jintaxxaw biss it-taxis (iżda mhux it-trasport kollu ta' persuni b'vetturi tal-passiġġieri[35]), jew meta jintaxxaw jew jeżentaw biss il-kotba stampati (u mhux fuq kotba fuq mezzi fiżiċi oħra[36]).

48. Fid-dawl ta' din is-setgħa ta' stħarriġ limitata tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma hemmx, f'dan il-każ, qbiż manifest tas-setgħa ta' evalwazzjoni tal-leġiżlatur. Kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, is-servizzi ntaxxati b'mod differenti (il-logħob tal-ażżard jew tal-flus online li ma huwiex lotteriji, minn naħa, u l-logħob tal-ażżard "tradizzjonali" jew lotteriji online, min-naħa l-oħra), ivarjaw fuq diversi aspetti mill-perspettiva ta' konsumatur medju.

49. B'hekk, il-logħob tal-ażżard online huwa distint mil-logħob tal-ażżard "tradizzjonali" kemm fir-rigward tal-post (aċċessibbli f'kull ħin u minn kullimkien, meta mqabbel mat-tip l-ieħor li huwa aċċessibbli biss f'lokalitajiet speċifiċi); l-isforz biex jinbeda (l-ebda sforz peress li huwa possibbli f'kull ħin u minn kullimkien permezz tal-ismartphone meta mqabbel mat-tip l-ieħor li jeħtieġ moviment fiżiku lejn post speċifiku); l-assenza ta' "kontroll soċjali" fuq il-logħob tal-ażżard possibbli f'kull ħin fid-dominju privat; il-potenzjal ta' dipendenza jew il-perikolu ta' logħob tal-ażżard disponibbli f'kull ħin u faċilment aċċessibbli, kif ukoll il-mod tal-logħob (klikk fuq il-kompjuter, meta mqabbel mat-tip l-ieħor li jeħtieġ azzjoni fiżika fuq magni għal-logħob, jew saħansitra interazzjoni ma' persuna, pereżempju, krupier, fuq il-post). Iż-żjara f'każinò "tradizzjonali" tista' tiġi kklassifikata bħala "esperjenza", filwaqt li "ż-żjara" fuq is-sit internet ("każinò online") hija iktar "logħba fuq l-internet".

50. Għalhekk, is-sempliċi teħid inkunsiderazzjoni tal-kontenut tal-prestazzjoni (f'dan il-każ, is-sodisfazzjon tal-ħtieġa għal-logħob) ma jgħinx ħafna f'dan ir-rigward. Għall-kuntrarju, għandu jiġi inkluż ukoll il-kuntest fattwali u ġuridiku estern mill-perspettiva ta' konsumatur medju[37]. L-istess jgħodd għall-eventwali għanijiet ta' governanza li l-leġiżlatur parlamentari jista' jfittex permezz tad-distinzjoni. Il-prinċipju ta' newtralità fil-qasam tal-VAT ma jipprekludix distinzjonijiet oġġettivament iġġustifikati.

51. Il-fatt li l-mezz (online vs "tradizzjonali") huwa kriterju ta' differenzjazzjoni kunsiderevoli mill-perspettiva tal-leġiżlatur tal-Unjoni huwa, barra minn hekk, diġà muri mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-VAT li, parzjalment, jiddistingwu wkoll skont jekk servizz huwiex ipprovdut b'mod elettroniku (ara biss il-post ta' tassazzjoni (sistema partikolari prevista fl-Artikolu 58 tad-Direttiva dwar il-VAT) jew ir-rata ta' tassazzjoni (l-Artikolu 98(3) tad-Direttiva dwar il-VAT jeskludi ċerti rati mnaqqsa għas-servizzi pprovduti elettronikament)). Dan kollu jkun superfluwu li kieku t-tranżazzjonijiet elettroniċi u t-tranżazzjonijiet "tradizzjonali" jkunu perfettament interkambjabbli.

[32] Sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, AZ (C-499/16, EU:C:2017:846, punt 36).

[33] Sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Phantasialand (C-406/20, EU:C:2021:720, punt 48).

[34] Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2019, Belgisch Syndicaat van Chiropraxie *et* (C-597/17, EU:C:2019:544, punt 49).

[35] Sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Pro Med Logistik u Pongratz (C-454/12 u C-455/12, EU:C:2014:111, punt 60).

[36] Sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, K (C-219/13, EU:C:2014:2207, punt 34).

[37] Jista' jkun differenti f'dan ir-rigward: sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, Rank Group (C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punti 47 *et seq.*, iżda mingħajr spjegazzjoni oħra). Madankollu, kif tenfasizza wkoll ġustament il-Kummissjoni, lanqas ma kienet kwistjoni ta' distinzjoni bejn l-attivitajiet online u offline.

52. Konsegwentement, sabiex ikun hemm ksur tal-prinċipju ta' newtralità, ma huwiex biżżejjed li tipi differenti ta' logħob tal-ażżard jissodisfaw ħtieġa għal-logħob paragunabbli (jew saħansitra vizzju tal-logħob paragunabbli). Barra minn hekk, lanqas ma huwa biżżejjed li konsumatur wieħed jew ieħor jgħaddi minn tip ta' logħob tal-ażżard għal ieħor, b'tali mod li ċerta kompetizzjoni bejn id-diversi operaturi ma tistax tiġi eskluża. Dak li huwa determinanti huwa jekk, skont il-leġiżlatur, iż-żewġ servizzi humiex (manifestament) interkambjabbli għall-konsumatur medju.

53. Minħabba l-kundizzjonijiet l-oħra tal-użu tas-servizzi u r-riskji differenti marbuta mal-logħob tal-ażżard, il-logħob tal-ażżard "online" u l-logħob tal-ażżard "tradizzjonali" jistgħu, għalhekk, jiġu ntaxxati b'mod differenti, kif isostnu b'mod konkordanti l-Kummissjoni u l-Belġju.

54. Lanqas ma tista' tiġi kkritikata d-distinzjoni magħmula fil-Belġju bejn il-lotteriji online u l-logħob l-ieħor tal-ażżard jew tal-flus online. Il-lotteriji huma tip partikolari ta' logħob tal-ażżard li normalment jiġu organizzati skont programmi stabbiliti, li sabiex ikun jista' jipparteċipa fihom wieħed joħroġ ammont ta' flus determinat bil-prospett ta' rebħ fi flus jew rebħ materjali. L-eżitu tal-lotterija huwa ta' natura aleatorja u ħafna drabi jkun imħabbar għall-pubbliku. F'dan it-tip ta' logħob, kif tenfasizza ġustament il-Kummissjoni, l-attività hija limitata għax-xiri ta' biljett u hija diġà differenti f'dan ir-rigward minn logħob ieħor online ddedikat għal attivitajiet ripetuti ta' min jilgħab, li jsir jaf immedjatament dwar ix-xorti tiegħu (jew ta' spiss dwar in-nuqqas ta' xorti) u jirreaġixxi għal dan b'mod spontanju. Kif isostni l-Belġju, l-element ta' logħob huwa nieqes f'dan il-każ. Hemm ukoll differenzi bejn il-limiti minimi u massimi tal-imħatri, ir-rebħ, u l-opportunitajiet tar-rebħ[38].

55. Barra minn hekk, l-istorja tal-lotterija u ċerti liġijiet fiskali (storiċi) tal-Istati Membri juru separazzjoni tradizzjonali bejn il-lotteriji u tipi oħra ta' logħob tal-ażżard[39]. Dan jindika li, għall-konsumatur medju, jidher li lotterija dejjem kienet differenti mil-logħob tal-ażżard preżenti fil-każinò jew fuq il-magni tal-logħob. Għalhekk, huwa diffiċli li jiġi affermat li l-lotteriji online u logħob tal-ażżard online ieħor huma interkambjabbli mill-perspettiva tal-konsumatur medju. Lanqas ma hemm ksur tal-prinċipju ta' newtralità f'dan ir-rigward.

### *3. Konklużjoni intermedja*

56. L-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT ma huwiex direttament applikabbli. Anki li kieku l-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT kien direttament applikabbli, id-distinzjoni magħmula mill-Belġju bejn il-logħob tal-ażżard jew tal-flus ipprovdut elettronikament, u l-logħob tal-ażżard jew tal-flus mhux ipprovdut elettronikament, ma tmurx kontra l-prinċipju ta' newtralità fil-qasam tal-VAT. L-istess japplika f'dak li jirrigwarda d-distinzjoni bejn il-logħob tal-ażżard jew tal-flus ipprovdut elettronikament u l-lotteriji pprovduti elettronikament. Fl-assenza ta' inkompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni, id-dritt tal-Unjoni, għalhekk, lanqas ma jeżiġi li l-VAT dovuta skont id-dritt nazzjonali għandha tiġi rrimborsata lir-rikorrenti.

[38] Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà spjegat li dawn huma fatturi rilevanti: sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, Rank Group (C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punti 57 u 58).

[39] Pereżempju, fil-Ġermanja, ir-Rennwett und Lotteriegesetz (il-Liġi dwar l-Imħatri fuq it-Tiġrijiet taż-Żwiemel u l-Lotteriji), li tinkludi, fl-Artikoli 26 *et seq*, regoli speċifiċi dwar it-tassazzjoni tal-lotteriji pubbliċi u raffles. Fl-Awstrija, il-Glücksspielgesetz (il-Liġi dwar il-Logħob tal-Ażżard) tinkludi wkoll, fl-Artikoli 6 sa 12a tagħha, dispożizzjonijiet speċifiċi għal-lotteriji. Franza tintaxxa wkoll it-tlugħ tal-lottu b'mod differenti mill-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel jew mill-każinòs.

### *C. Fuq l-għajnuna pprojbita li tirriżulta minn differenza fl-issuġġettar għall-VAT (il-ħames u s-sitt domanda)*

57. Sa fejn il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, id-domandi huma diġà inammissibbli. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa ma tistax teċċepixxi li l-eżenzjoni li minnha jibbenefikaw impriżi oħra tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat sabiex tevita l-ħlas ta' din l-istess taxxa [40].

58. Huwa biss sa fejn it-taxxa tiġi allokata lil impriżi oħra li jkun hemm lok li jiġi eżaminat jekk id-dħul mit-taxxa huwiex allokat b'mod mhux problematiku fir-rigward tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat [41]. Fil-kawża ineżami, iżda, dan ma huwiex il-każ. F'dan il-każ, il-piż sostnut mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jirriżulta minn taxxa ġenerali (VAT), li tinġabar favur il-baġit ġenerali tal-Istat u li għalhekk ma tibbenefikax b'mod konkret lil terz. Għalhekk, f'din il-kawża, ir-rikorrenti qiegħda sempliċement tikkontesta avviż ta' taxxa indirizzat lilha li tqis li huwa illegali peress li persuni taxxabbli oħra ma humiex intaxxati bl-istess mod. Dan ma jistax jintlaqa' fir-rigward tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat.

59. Fil-fatt, bħala prinċipju, għajnuna illegali mill-Istat għandha tiġi *rkuprata* [42]. Issa, in-nuqqas ta' ssuġġettar għat-taxxa tar-rikorrenti ma jikkostitwixxix irkupru, iżda sempliċement jestendi l-benefiċċju tal-għajnuna mill-Istat għar-rikorrenti u, għaldaqstant, minflok ma jelimina d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, isaħħaħ din id-distorsjoni. Għaldaqstant, il-kwistjoni tal-għajnuna favur terz f'kawża li tirrigwarda biss id-dejn fiskali ta' persuna partikolari ma hijiex rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima u għalhekk ma hijiex ammissibbli, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet diversi drabi [43].

60. Barra minn hekk, fuq il-livell sostantiv, lanqas ma huwa possibbli li tiġi identifikata għajnuna mill-Istat ipprojbita fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan jeżiġi b'mod partikolari li din tkun miżura tal-Istat li tagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tagħha [44].

61. Jekk, kif indikajt iktar 'il fuq, l-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom sabiex jistabbilixxu kundizzjonijiet u limitazzjonijiet għall-eżenzjoni mill-VAT prevista f'din id-dispożizzjoni, huma awtorizzati jeżentaw minn din it-taxxa biss ċerti logħob tal-ażżard jew tal-flus, ikun il-każ li din l-eżenzjoni (selettiva) hija diġà prevista fid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, traspożizzjoni *korretta* (ara l-punti 40 *et seq.* iktar 'il fuq) *tad-dritt tal-Unjoni* ftit li xejn tista' tiġi kkunsidrata, mill-perspettiva tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat, bħala miżura tal-Istat tal-Belġju. Hija pjuttost taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni.

[40] Sentenzi tat-3 ta' Marzu 2020, Vodafone Magyarország (C-75/18, EU:C:2020:139, punt 24); tat-3 ta' Marzu 2020, Tesco-Global Áruházak (C-323/18, EU:C:2020:140, punt 36); tas-6 ta' Ottubru 2015, Finanzamt Linz (C-66/14, EU:C:2015:661, punt 21); u tal-15 ta' Ġunju 2006, Air Liquide Industries Belgium (C-393/04 u C-41/05, EU:C:2006:403, punti 43 *et seq.*).

[41] Dwar ir-rilevanza ta' din id-domanda, ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2005, Distribution Casino France *et* (C-266/04 sa C-270/04, C-276/04 u C-321/04 sa C-325/04, EU:C:2005:657, punti 40, 41, u 45 *et seq.*).

[42] Ara s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punti 90 *et seq.*).

[43] Sentenzi tat-3 ta' Marzu 2020, Vodafone Magyarország (C-75/18, EU:C:2020:139, punt 24), u tat-3 ta' Marzu 2020, Tesco-Global Áruházak (C-323/18, EU:C:2020:140, punti 41 *et seq.*).

[44] Sentenzi tas-16 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-562/19 P, EU:C:2021:201, punt 27); tat-28 ta' Ġunju 2018, Andres (Insolvenz Heitkamp BauHolding) vs Il-Kummissjoni (C-203/16 P, EU:C:2018:505, punt 82); tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 53); u Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck (C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 40).

62. Barra minn hekk, kif ġustament tenfasizza l-Ġermanja, lanqas ma hemm *vantaġġ għal impriża.* Fil-qasam tad-dritt dwar il-VAT, l-eżenzjonijiet jibbenefikaw biss lill-benefiċjarju tal-provvista peress li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-VAT hija taxxa indiretta fuq il-konsum li għandha titħallas mill-konsumatur finali[45]. F'dan ir-rigward, il-kumpannija taxxabbli taġixxi biss bħala "kollettur tat-taxxa f'isem l-Istat u fl-interess tat-Teżor"[46]. Għaldaqstant, minn perspettiva sostantiva, il-VAT ma hijiex intiża sabiex tintaxxa l-impriża taxxabbli, iżda sabiex tintaxxa l-kapaċità kontributtiva tal-konsumatur, li timmanifesta ruħha fl-ispiża tal-patrimonju tiegħu sabiex tikseb benefiċċju konsumabbli[47]. Issa, jekk l-issuġġettar ta' provvista ta' servizzi għall-VAT huwa intiż li jolqot lill-konsumatur u mhux lill-fornitur, allura l-eżenzjoni mill-VAT għandha tapplika biss għall-konsumatur u mhux għall-fornitur. L-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi tal-logħob tal-ażżard hija għalhekk vantaġġ għall-konsumatur u mhux għall-fornitur.

63. Għandu jingħad ukoll li vantaġġ għandu natura selettiva biss jekk il-miżura tkun ta' natura li tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi" meta mqabbla ma' oħrajn li, fid-dawl tal-għan imfittex minn din is-sistema, jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli u li għalhekk iġarrbu trattament iddifferenzjat li essenzjalment ikun jista' jiġi kklassifikat bħala *diskriminatorju* [48].

64. Dan jimplika deroga mit-"tassazzjoni normali" li ma tkunx iġġustifikata. It-tnejn huma neqsin f'dan il-każ. Skont l-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT, it-tassazzjoni normali hija l-eżenzjoni mit-taxxa tal-logħob tal-ażżard, li seħħet preċiżament f'dan il-każ għal-logħob tal-ażżard "tradizzjonali" u għal-lotteriji kollha. Barra minn hekk, kif ġie espost iktar 'il fuq (punti 40 *et seq.*), id-distinzjoni fir-rigward tal-VAT bejn il-logħob online u logħob ieħor tal-ażżard kif ukoll bejn il-lotteriji online u l-logħob online, hija oġġettivament iġġustifikata u, għalhekk, *ma hijiex diskriminatorja.* Id-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat lanqas ma jipprojbixxi distinzjonijiet oġġettivament iġġustifikati f'liġi applikabbli b'mod ġenerali. Għaldaqstant, il-kundizzjoni dwar in-natura selettiva hija nieqsa wkoll.

## V. Konklużjoni

65. Għaldaqstant, nipproponi li r-risposta għad-domandi preliminari magħmula mit-Tribunal de première instance de Liège (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Liège, il-Belġju) għandha tkun kif ġej:

1) L-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva dwar il-VAT ma huwiex direttament applikabbli. Dan għaliex la huwa inkundizzjonat u lanqas ma huwa suffiċjentement preċiż.

45 Sentenzi tas-7 ta' Novembru 2013, Tulică u Plavoşin (C-249/12 u C-250/12, EU:C:2013:722, punt 34), u tal-24 ta' Ottubru 1996, Elida Gibbs (C-317/94, EU:C:1996:400, punt 19).

46 Sentenza tal-21 ta' Frar 2008, Netto Supermarkt (C-271/06, EU:C:2008:105, punt 21), u tal-20 ta' Ottubru 1993, Balocchi (C-10/92, EU:C:1993:846, punt 25).

47 Ara, bħala eżempju, is-sentenzi tat-3 ta' Marzu 2020, Vodafone Magyarország (C-75/18, EU:C:2020:139, punt 62); tal-11 ta' Ottubru 2007, KÖGÁZ *et* (C-283/06 u C-312/06, EU:C:2007:598, punt 37 - "l-iffissar tal-ammont tagħha proporzjonalment għall-prezz irċevut mill-persuna taxxabbli bħala korrispettiv għall-oġġetti u għas-servizzi pprovduti minnha"); u tat-18 ta' Diċembru 1997, Landboden-Agrardienste (C-384/95, EU:C:1997:627, punti 20 u 23).

48 Sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2023, Il-Kummissjoni vs Amazon.com *et* (C-457/21 P, EU:C:2023:985, punt 33), u tat-8 ta' Novembru 2022, Fiat Chrysler Finance Europe vs Il-Kummissjoni (C-885/19 P u C-898/19 P, EU:C:2022:859, punt 67, kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata).

2) Il-prinċipju ta' newtralità fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ma jipprekludix distinzjoni bejn il-logħob tal-ażżard jew tal-flus ipprovdut elettronikament u l-logħob tal-ażżard jew tal-flus mhux ipprovdut elettronikament. Għall-kuntrarju, hemm raġunijiet oġġettivi għal dan, u għad-distinzjoni bejn il-logħob tal-ażżard jew tal-flus ipprovdut elettronikament u l-lotteriji pprovduti elettronikament.

3) Id-domanda dwar għajnuna mill-Istat favur persuna taxxabbli oħra f'kawża li tirrigwarda biss id-dejn fiskali ta' xi ħadd ieħor hija inammissibbli. Fil-fatt, il-persuna responsabbli għall-ħlas ta' taxxa ma tistax, bħala prinċipju, teċċepixxi li l-eżenzjoni li minnha jibbenefikaw impriżi oħra tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat sabiex tevita li tħallas din it-taxxa.